# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.8

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.8 – Imfejqa mill-mard fil-jum tas-Sibt.**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

- Jisimgħu u jitgħallmu dwar il-miraklu tal-Mara l-Milwija.
- Jifhmu x'kien ifisser is-Sibt għal-Lhud.
- Jitgħallmu kemm Ġesù kien ħanin u għadu ħanin.
- Jitgħallmu jiddiskutu kif u meta għandhom iħennu.




**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Videoclip : *Healing a bent woman*

  https://www.youtube.com/watch?v=IRGjY0pRJv8&spfreload=10

- Karta ta' Taħriġ 1.8 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu .



1. Ibda l-lezzjoni billi tispjega li fil-kultura Lhudija l-jum tas-sibt kien jum ikkonsagrat lil Alla. Kien jum ta' mistrieħ u kienet id-drawwa tal-Lhud li jinġabru fis-sinagoga jaqraw is-salmi u jisimgħu silta mit-Testment l-Antik.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega kif bħala Lhudi Ġesù wkoll kien josserva l-jum tas-Sibt. Kien imur ukoll is-sinagoga u jimxi mal-liġijiet tal-Lhud. Iżda meta Ġesù kien jara 'l xi ħadd marid, kien ifejqu minnufih anke fil-jum tal-mistrieħ. Il-mard m'għandux ħinijet u ġranet u Ġesù dejjem poġġa l-bżonn tal-bniedem qabel dak li suppost isir.
2. Uri l-klipp tal-mara l-milwija.
3. Iddiskuti mat-tfal x'laqathom mill-istorja.
4. Spjega kif il-kap tas-sinagoga u l-qassissin Lhud ma kinux jieħdu pjaċir jaraw dawn il-liġijiet jiġu miksura speċjalment meta n-nies kienu jkomplu jfaħħru 'l Alla għal dak li Ġesù kien jagħmel.
5. Iddiskuti mat-tfal dwar l-imġiba ta' Ġesù ma' dik il-mara. Oħroġ dawn il-punti:
    - Għandi nħenn dejjem.
    - Meta nħenn xi drabi ħa nbati.
    - Inħenn mhux meta għandi aptit biss.
6. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.8. Spjega s-silta u għin lit-tfal jaħdmu Attività 1 billi jsibu l-kelma t-tajba.
7. Ħajjar lit-tfal ipinġu Attività 2.
8. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt tal-ġenerożità ma' min għandu bżonn.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Is-Sibt għal-Lhud kien jum speċjali.
2. Huma ma kien jagħmlu xejn fih.
3. Ġesù ra li din il-mara kienet batuta ħafna u xtaq jgħinha.
4. Hu għamel il-miraklu imma l-Lhud irrabjaw ħafna għax kien Jum is-Sibt. Ġesù fejjaq is-Sibt għax kien hemm bżonn li ma jħallix lill-mara tbati aktar.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jitrattaw lil xulxin bir-rispett u bl-imħabba.
- It-tfal jifhmu bl-importanza li jaraw li ħadd ma jkunu nieqes minn dak li huma jistgħu jgħinu fih.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



Videoclip : *Healing a bent woman*

https://www.youtube.com/watch?v=IRGjY0pRJv8&spfreload=10

## Nitolbu

Mulej, għinni nxerred il-paċi u sliem kull fejn inkun kif kont dejjem tagħmel int.

